MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTON DEPASQUALE

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 602/1995/2

**It-Tabib Joseph Portelli Demajo u martu Joanna Portelli Demajo**

**vs.**

**Olven Mangion bhala Direttur ghan-nom u in rappresentanza tas-socjetà Pool & Spa Supplies Limited; u Emanuel Barun u martu Lourdes Barun**

**Il-Qorti,**

**Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat quddiem l-allura Qorti tal-Kummerc illi permezz tieghu l-atturi, wara illi jippremetta:**

**Illi l-attur inkontratta mad-ditta konvenuta biex din tibnilu 'swimming pool' fuq wara tad-dar tieghu gewwa vjal Sir Michaelangelo Refalo, numru 61, f'Hal-Balzan;**

**Illi l-imsemmija ditta konvenuta inkarigat lill-konvenut iehor biex jesegwixxi x-xogholijiet mehtiega fil-fond tal-attur;**

**Illi dan l-ahhar irrizulta li l-art ta' madwar is-*'swimming pool'* qed iccedi u l-madum qed jiccaqlaq u jinqalà u dan apparti diversi difetti ohra li jirrizultaw fit-trattazzjoni tal-kawza;**

**Illi ghalhekk jirrizulta li l-konvenut jew min minnhom ma ezegwix ix-xoghol minnhom rikjest skond l-arti u s-sengha;**

**Illi l-konvenuti gew interpellati jirrimeddjaw ghall-hsara u/jew difetti fix-xoghol tas-*'swimming pool'*, izda ghalkemm accettaw li jghamlu x-xogholijiet mehtiega, il-konvenut ma waslux biex jibdew ix-xoghol;**

**kollu ghaliex l-konvenut jew min minnhom (1) m'ghandhomx jigu dikjarati responsabbli minn din il-Qorti ghall-hsarat u/jew difetti li rrizultaw fl-'swimming pool' li huma bnew mhux skond l-arti u s-sengha fid-dar tal-attur; (2) m'ghandhomx, ghalhekk ikunu kkundannati sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss minn din l-Qorti jghamlu x-xogholijiet kollha mehtiega biex jirrimedjaw ghan-nuqqasijiet fl-ezekuzzjoni tal-inkarigu lilhom moghti; (3) m'ghandux l-attur jkun awtorizzat minn issa stess biex f'kaz li l-konvenut jew min minnhom ma ghamlux dak li jigi lilhom ordnat mill-Qorti fi zmin prefiss, l-istess xogholijiet isiru minnu a spejjez tal-konvenut – f'kull kaz taht id-direzzjoni ta' perit nominand;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Ittra Ufficcjali tat-13 ta' Gunju, 1994, u tal-ittri interpellatorji tat-28 ta' Novembru, 1994, tal-24 ta' Frar, 1995, tal-10 ta Marzu, 1995, u tal-20 ta' Marzu, 1995, kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni taghhom.**

**Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi, guramentata mill-attur Tabib Joseph Portelli Demajo, u il-lista tax-xhieda relativa;**

**Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti Emanuel Barun u martu Lourdes Barun illi permezz taghha eccepew :**

**Illi it-talbiet ta' l-atturi fil-konfront ta' l-eccipjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi peress illi ma ghandhomx din l-azzjoni kontra taghhom ghax l-eccipjent Emanuel Barun qatt ma kien l-appaltatur taghhom;**

**Illi bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni l-eccipjenti Lourdes Barun giet imharrka nutilment;**

**Illi ukoll bla pregudizzju ghall-premess ix-xogholijiet li ghamel l-eccipjent ma ghamlux wahdu izda ma' hutu li mxew skond l-istruzzjonijiet li rcevew minghand is-Socjetà konvenuta;**

**Illi fi kwalunkwe kaz id-difett hareg b'konsegwenza tas-sodda hazina li ghamlet is-Socjeta' konvenuta;**

**Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi;**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti konjugi Barun, guramentata mill-konvenut Emanuel Barun, u l-lista tax-xhieda relativa;**

**Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ta' Olven Mangion nomine, illi permezz taghha eccepixxa :**

**Illi t-talbiet attrici kontra l-eccepjent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attrici stante illi l-hsarat u/jew difetti li qed jallegaw l-atturi jirreferu ghal xoghol fil-bini tal-'swimming pool', liema xogholijiet twettqu interament mill-konvenut Emanuel Barun;**

**Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-premess t-talbiet attrici kontra l-eccepjent huma wkoll infondati fil-fatt u d-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjz kontra l-attrici stante illi x-xoghol kollu maghmul mill-istess eccipjent sar skond is-sengha u l'arti u segwa f'kollox l-istruzzjonijiet tal-atturi u tal-Perit Arkitett inkarigat mill-istess atturi sabiex jidderigi u jissorvelja x-xogholijiet;**

**Illi mhux veru li l-eccipjenti accettaw li jghamlu xi xogholijiet;**

**Salvi eccezzjonijiet ohra.**

**Rat id-dikjarazzjoni tas-socjetà konvenuta Pool & Spa Supplies Limited, guramentata minn Olven Mangion, u l-lista tax-xhieda relativa;**

**Rat id-digriet tal-hamsa u ghoxrin (25) t' Ottubru, 1995 illi permezz tieghu l-Arkitett u Inginier Civili Frederick Doublet gie nominat bhala perit tekniku sabiex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tat-domandi attrici, wara illi jiehu konjizjoni ta' l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;**

**Rat id-digriet tat-tmintax (18) ta' Settembru, 1996 illi permezz tieghu Dr M (*sic*) Borg Galea giet nominata Assistent Gudizzjarju sabiex tghin bil-gbir tal-provi;**

**Ezaminat ir-relazzjoni ta' l-imsemmi perit tekniku, debitament mahlufa fl-udjenza tas-sitta (6) ta' Mejju, 2002;**

**Ezaminat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;**

**Ikkunsidrat :**

**Illi mhux kontestat bejn il-kontendenti illi l-atturi kienu ghamlu kuntratt ta' appalt mas-socjetà konvenuta Pool & Spa Supplies Limited sabiex din tibnilhom - u fil-fatt bnitilhom – *'swimming pool'* u taghmel ix-**

**xogholijiet l-ohra dettaljati fid-dokument esibit u markat JPD1, fuq wara tad-dar taghhom f'61, Sir Michaelangelo Refalo Avenue, Balzan, u illi l-istess socjetà issubappaltat parti mix-xoghol involut lill-konvenut Emanuel Barun, illi fil-fatt esegwixxa dan ix-xoghol;**

**Ikkunsidrat :**

**Illi, kif già inghad, il-konvenuti konjugi Barun permezz ta' l-ewwel (1) eccezzjoni taghhom issottomettew illi t-talbiet attrici fil-konfront taghhom huma nfondati u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-atturi peress illi l-atturi m'ghandhomx azzjoni kontra taghhom peress illi l-konvenut Emanuel Barun qatt ma kien l-appaltatur ta' l-atturi;**

**Illi huwa minnu illi lill-konvenut Emanuel Barun l-atturi ma nkarigawh jaghmel ebda xoghol, però, peress illi l-atturi qed jallegaw illi irrizultaw difetti fix-xoghol esegwit, l-atturi kienu gustifikati illi jipprocedu gjudizzjarjament kemm kontra s-socjetà konvenuta u kemm kontra l-konvenut Emanuel Barun, u jitolbu, kif fil-fatt talbu, illi jigi determinat mill-Qorti ta' min hija r-responsabbiltà ghax-xoghol difettuz. Huwa sinjifikattiv f'dan ir-rigward illi permezz ta' l-ewwel (1) eccezzjoni taghha s-socjetà konvenuta qed issostni illi t-talbiet attrici fil-konfront taghha ghandhom jigu michuda ghaliex, fil-kliem testwali ta' l-istess eccezzjoni :**

**"… l-hsarat u/jew difetti li qed jallegaw l-atturi jirreferu ghal xoghol fil-bini tal-iswimming pool, liema xogholijiet twettqu interament mill-konvenut Emanuel Barun;"**

**Mhux improbabbli, ghalhekk, illi kieku l-atturi ma pprocedewx ukoll kontra l-konvenut Emanuel Barun, is-socjetà konvenuta kienet titlob illi jissejjah fil-kawza l-istess Emanuel Barun;**

**Illi, konsegwentement, l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti konjugi Barun qed tigi respinta;**

**Ikkunsidrat :**

**Illi permezz tat-tieni (2) eccezzjoni taghhom il-konjugi Barun qed isostnu illi l-konvenuta Lourdes Barun giet imharrka inutilment;**

**Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-konvenuti konjugi Barun ma avanzaw ebda raguni - kif kien jispetta lilhom illi jaghmlu - ghaliex il-konvenuta Lourdes Barun giet imharrka inutilment;**

**Illi, konsegwentement, fl-istat attwali tal-provi, it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti konjugi Barun ma tistghax tigi milqugha u qed tigi respinta;**

**Ikkunsidrat fil-meritu :**

**Illi fir-relazzjoni ampja, analitika u dettaljata tieghu il-perit tekniku ikkonkluda illi d-difetti ezistenti fix-xoghol in kwistjoni ezegwit mill-konvenut Emanuel Barun m'humiex imputabbli lill-istess konvenut, konkluzjoni illi l-Qorti, wara ezami ta' l-atti kollha processwali, tikkondividi;**

**Illi, ghaldaqstant, it-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenuti konjugi Barun ma jistghux jintlaqghu;**

**Ikkunsidrat :**

**Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi, wara illi gie esegwit il-kuntratt ta' appalt hawn fuq imsemmi, fil-fond in kwistjoni ta' l-atturi sehhew is-segwenti fatti :**

**(i) is-*'swimming pool'* bdiet titlef l-ilma regolarment;**

**(ii) deterjorazzjoni fil-hajt divizorju tal-lemin meta wiehed ihares mit-triq (il-hajt illi jidher fir-ritratti esibiti u markati FD1 sa FD8 u FD22); u**

**(iii) cediment ta’ l-art u hsara fil-madum ta’ madwar is-‘swimming pool’;**

**Illi l-perit tekniku kkonkluda illi s-*‘swimming pool’* qed titlef l-ilma b’rizultat ta’difetti fil-kostruzzjoni taghha kif dettaljati fil-parti enumerata 31 tar-relazzjonali (pagni 52 sa 61), ghal liema difetti huwa unikament responsabbli l-konvenut Olven Mangion nomine;**

**Illi huwa opportun, f’dan il-kuntest, illi jigi citat dak illi qal il-perit tekniku fil-paragrafu enumerat 31.12 tar-relazzjoni tieghu (pagna 60) :**

**“… la, bl-ammissjoni tieghu stess il-konvenut Mangion ma kellux dettalji strutturali u hwejjeg ohra necessarji minn ghand il-perit, huwa ghamel kif dehrlu, u *ergo* dahal responsabbli ghalih [ghax-xoghol in kwistjoni].”**

**Illi l-konvenut Olven Mangion nomine ma ghamel ebda osservazzjoni dwar il-konkluzjonijiet tal-perit tekniku, ghalkemm inghata l-opportunità illi jaghmel dan, u l-Qorti ma ssib ebda raguni ghala ma ghandhiex tadotta dawn il-konkluzjonijiet;**

**Illi fil-parti enumerata 34 tar-relazzjoni tieghu (pagni 64 sa 70), il-perit tekniku ikkonkluda illi d-deterjorazzjoni fl-imsemmi hajt tal-lemin hija dovuta ghal nuqqasijiet imputabbli kemm lill-atturi u kemm lill-konvenut Olven Mangion nomine b’mod illi r-responsabbiltà ghall-hsara relativa ghandha tinqasam bin-nofs bejniethom;**

**Illi, kif ghadu kemm inghad, il-konvenut Olven Mangion nomine ma rribattiex il-konkluzjonijiet tal-perit tekniku filwaqt illi fl-udjenza tas-sitta (6) ta’ Mejju, 2002, id-difensur ta’ l-atturi, f’isimhom, irrimetta ruhu ghar-rapport peritali. Il-Qorti, min-naha taghha, hija tal-fehma illi ghandha tadotta il-konkluzjoni tal-perit tekniku kif temergi mill-paragrafu ta’ qabel dan;**

**Illi dwar ic-cediment ta' l-art madwar is-*'swimming pool'* u l-hsara fil-madum - liema hsara hija dettaljata fil-parti enumerata 35 tar-relazzjoni - l-perit tekniku jaghmel distinzjoni bejn dik il-parti fejn cediet l-art ta' taht il-madum u dik il-parti fejn grat hsara fil-madum ghalkemm l-art ta' tahtu ma cedietx. Il-perit tekniku jikkonkludi illi ghall-hsara ta' l-ewwel huma responsabbli ugwalment l-atturi - peress illi t-tqeghid tal-madum, illi ma kienx kompriz fl-appalt in kwistjoni, ma sarx skond is-sengha u l-arti - u l-konvenut Olven Mangion nomine - peress illi l-art cediet b'rizultat ta' xoghol hazin ezegwit mill-istess konvenut nomine. Kwantu ghall-hsara tat-tieni, jigifieri fejn l-art ma cedietx, il-perit tekniku ikkonkluda illi din hija dovuta biss ghat-tqeghid hazin tal-madum u, ghalhekk, huma responsabbli ghaliha l-atturi wahedhom. Il-Qorti, wara illi ezaminat il-provi prodotti, tikkondividi dawn il-konkluzjonijiet tal-perit tekniku;**

**Illi dwar il-kwistjoni tal-madum il-perit tekniku jghid hekk fil-parti enumerata 39 (vi) fl-ahhar pagna tar-relazzjoni tieghu :**

**"l-ispejjes li ghamel l-attur (*sic*) sabiex bidel il-madum l-ewwel darba (ammontanti ghal Lm557) huwa responsabbli ghalihom l-istess attur."**

**A skans ta' ekwivoku, huwa mehtieg illi jinghad illi m'hemmx htiega ta' pronunzjament f'dan il-gudikat dwar l-ispejjes inkorsi mill-atturi ghall-bdil tal-madum illi ghadu kemm issemma, ghaliex ebda wahda mit-talbiet attrici ma tirrigwarda ir-rizarciment ta' danni allegatament sofferti mill-atturi;**

**Ikkunsidrat :**

**Illi fil-parti tar-relazzjoni tieghu enumerata 38.0, 38.1, 38.2 u 38.3 (pagni 76 sa 83) il-perit tekniku jelenka b'mod dettaljat hafna x'inhuma r-rimedji illi huwa jidhirlu illi huma mehtiega sabiex tissewwa l-hsara kollha hawn fuq imsemmija imputabbli *in toto* jew *in parte* lill-konvenut Mangion nomine. Trattandosi ta'**

**rimedji ta' natura teknika, u fin-nuqqas ta' suggerimenti alternattivi da parti tal-konvenut Mangion nomine, il-Qorti qed tadotta dawn ir-rimedji suggeriti mill-perit tekniku;**

**Ikkunsidrat :**

**Illi l-perit tekniku fil-paragrafu enumerat 38.4 tar-relazzjoni tieghu (pagna 83) jghid hekk :**

**"Dwar il-madum fejn l-art ma cedietx izda li tbewwaq l-fuq, dan ghandu jinqala, jinqata sabiex jakkomoda *expansion joint* u jerga jitqieghed, u ssirlu l-expansion *joint*."**

**u fil-paragrafu enumerat 39(v) (pagna 84) jghid hekk :**

**"Ix-xogholijiet deskritti f'paragrafu 38.4 huwa risponsabbli ghalihom l-attur."**

**Illi, fid-dawl tat-talbiet attrici, mhux koncepibbli illi l-atturi jigu kundannati sabiex huma stess jezegwixxu xi xogholijiet rimedjali u, konsegwentement, ma hemm lok ghal ebda provvediment f'dan il-gudikat dwar ix-xogholijiet rimedjali suggeriti mill-perit tekniku fil-paragrafu 38.4 tar-relazzjoni eieghu illi ghadu kemm gie citat;**

**Ghal dawn il-motivi :**

**Tilqa' t-tielet (3) u r-raba' (4) eccezzjonijiet tal-konvenuti konjugi Barun u, konsegwentement, tirrespingi t-talbiet attrici fil-konfront ta' l-istess konjugi Barun;**

**Tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut Mangion nomine;**

**Tipprovdi dwar it-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut Olven Mangion nomine billi, kwantu ghall-ewwel (1) talba tiddikjara lill-konvenut Mangion nomine unikament responsabbli ghad-difetti hawn fuq**

**imsemmija fil-kostruzzjoni tas-*'swimming pool'* in kwistjoni u fil-konkos u irdim madwar is-*'swimming pool'*, u ugwalment responsabbli flimkien ma' l-atturi ghad-deterjorazzjoni fil-hajt tal-lemin hawn fuq imsemmi u ghall-hsara fil-madum f'dik il-parti fejn cediet l-art ta' tahtu; kwantu ghat-tieni (2) talba billi tikkundanna lill-konvenut Mangion nomine sabiex fi zmien tlett (3) xhur mill-lum jaghmel ix-xogholijiet rimedjali suggeriti mill-perit tekniku f'dik il-parti tar-relazzjoni tieghu enumerata 38.0, 38.1, 38.2 u 38.3 (pagni 76 sa 83 tar-relazzjoni), illi ghandha tifforma parti integrali minn dan il-gudikat, u dana taht id-direzzjoni u sorveljanza ta' l-Arkitett u Inginier Civili Frederick Doublet u b'dan illi l-atturi ghandhom jissaportu nofs (½) l-ispejjes involuti sabiex isir ix-xoghol rimedjali fil-hajt tal-lemin u fil-madum illi cediet l-art tahtu; u kwantu ghat-tielet (3) talba billi, f'kas illi t-terminu ta' 3 xhur hawn fuq imsemmi jghaddi inutilment, tawtorizza lill-atturi sabiex jaghmlu l-istess xogholijiet huma taht id-direzzjoni u sorveljanza ta' l-istess A.I.C. Frederick Doublet u a spejjes tal-konvenut Mangion nomine, salv dak is-sehem illi ghandom ihallsu l-atturi kif jinghad hawn fuq fil-provvediment dwar it-2 talba attrici;**

**Tordna illi l-ispejjes kollha tal-kawza jigu sopportati kwantu ghal kwinta parti (1/5) mill-atturi u kwantu ghal erbgha partijiet minn hamsa (4/5) mill-konvenut Mangion nomine.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------